MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Numru 208/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Paul Bond)**
**vs**
**Nabil Kelfe Hipleg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Nabil Kelfe Hipleg** bin Kelfe u Jasja *nee'* Qali, mwieled Tripoli, Libja, nhar it-12 ta' Mejju, 1986, residenti Imgarr, Malta;

Talli fit-13 ta' Marzu, 2007, ghall-habta tat-2:45pm, waqt li kien gewwa l-Imgarr (Malta) ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' -Omissis- liema persuna ghad ghandha tlettax-il sena;

Talli fl-istess data, hin u lok bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti

s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess –Omissis- kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Talli fl-istess data, hin u lok b'eghmil zieni kkorrompa lill-istess –Omissis-, minuri ta' tlettax-il sena.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif ukoll lill-ufficjal prosekutur li qal li l-imputat kien arrestat wara rapport li sarlu mill-minuri li waqt li kienet gejja lura mill-iskola, l-imputat waqqafha biex jistaqsiha x'hin kien, qabez fuqha, tefghaha mal-art  u beda jbusa izda irnexxiehla tahrab.

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizulta pruvati u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 203 (1), 297, 86 u 17 (h) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza li ssugerew illi l-imputat jinghata sentenza sospiza sabiex ikun jista' jitkecca minn Malta.  L-imputat irid iwiegeb ta' eghmilu li huwa jammonta ghal rejat serju f'socjeta' civili aktar u aktar meta si tratta ta' rejat kommess fuq persuna ta' tlettax-il sena.  Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal-perjodu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum.

Tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-minorenni jew kull dettall li jista' jwassal ghall-identita' taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------